MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 119/2009

**Mediterranea Foods Ltd (C 39624)**

**vs**

**Richard Zammit (ID no. 195464M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsin Euro (€450), skont skrittura privata datata 26 ta' Mejju, 2008 il-konvenut inghata magna tal-cafe tad-ditta Grimac b'commodatum u bil-kundizzjoni li l-istess konvenut kellu jixtri minghand is-socjeta' attrici tal-anqas kaxxa (1) cafe fix-xahar (klawsola 3), vide anness Dok. 1.

Il-konvenut naqas milli jaghmel dan u minkejja li gie interpellat sabiex jirritorna l-magna tal-cafe (skont klawsola 4 tal-istess skrittura) huwa baqa' inadempjenti, vide anness Dok. 2.

Il-valur mitlub ta’ erba’ mija u hamsin Euro (€450) jirraprezenta l-valur tal-magna, bl-imghax legali mid-data tal-interpellanza surreferita sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u hamsin Euro (€450), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------